TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal ghat-Talbiet Tal-Konsumaturi**

**Rikors Nru C.C.T 201/14/ MS**

**Jade Pecorella**

**vs**

**Joanna Cassar ezercenti il-kummerc bhala Le Coiffeur**

Illum 16 ta' Marzu 2015.

It-Tribunal,

Ra t-talba tar-rikorrenti pprezentata fit-22 ta' Settembru 2014 fejn Jade Pecorella talbet l-ammont ta' elf mitejn u sittin Euro (€1260.00) bhala rifuzjoni ta' xoghol allegatament hazin maghmul mid-ditta konvenuta gestita minn Joanne Cassar wara din ta' l-ahhar wettqet xoghol ta' *extensions* tax-xaghar fuq ir-rikorrenti.

Ra r-risposta ipprezentata fl-24 ta' Settembru 2014 fejn is-socjeta' intimata cahdet it-talba tar-rikorrenti peress li x-xoghol maghmul kien tajjeb u skond l-arti u s-sengha.

Sema' ix-xhieda kollha, ra d-dokumenti, r-ritratti u l-oggetti esebiti, sema' t-trattazjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Irrizulta mill-provi li fis-27 ta' Marzu tas-sena 2014, ir-rikorrenti marret ghand l-intimata sabiex tahdmilha numru ta' *hair extensions* ta' kulur partikolari. L-intimata Joanne Cassar, dehrilha li l-ammont ta' *extensions* originarjament mitlub mir-rikorrenti - mitejn u hamsin (250) skond Joanne Cassar, kien wisq u l-istess Cassar ssugeritilha li taghmel mija u hamsin (150) minflok.

Ir-rikorrenti ghall-ewwel uriet certu hsieb peress illi riedet izjed, ('I showed my concern immediately and queried that the amount advised was too little)' pero sussegwentement accetat il-parir ta' Cassar u dawn il-150 *extensions* saru tal-kulur mixtieq mir-rikorrenti u cjoe' *blue*. Dan minkejja certu riluttanza min-naha ta' Cassar li dehrilha illi dan seta' jidher falz minhabba li xagharha propja kien *bob* u allura ppreferiet tuza kulur wiehed minflok zewg kuluri. Peress ukoll illi Cassar ma kellhiex *extensions blue,* dan kien jirrikjedi intervent zejjed biex johrog il-blu minn

strands sofor. Fl-ahhar ix-xoghol sar u ghal dan, Cassar irceviet il-hlas ta' erbgha mitt Euro (€400.00).

Illi ir-rikorrenti ma kenitx kuntenta - mhux tant mill-kwalita tax-xoghol; tanti li dehrilha li kien hemm ftit wisq extensions, kif kienet originarjament hasbet. Fuq insistenza tar-rikorrenti, Cassar allura accettat b'certa riluttanza li taghmilha mitt (100) *extensions* ohra u ta' dawn thallset l-ammont ta' tlett mitt Euro €300.00. Din ir-riluttanza da parti ta' Cassar biex izzid iktar *extensions* hija korroborat fl-avviz tar-rikorrenti li tghid hekk: 'The hairdresser's reply was: "Give it time and it will settle down and look more natural as you have just applied them."

Illi l-fatt illi r-rikorrenti dehrilha illi dawn kienu jidhru *fake* ma jistax jigi attribwit ghax-xoghol tal-intimata peress illi fl-ahhar mill-ahhar il-kulur ghazlitu r-rikorrenti u mhux l-intimata. Fl-opinjoni tat-Tribunal, xaghar blu ma jistax ma jidhirx falz, anke li kieku dan kien xaghar naturali mizbugh u mhux *hair extensions*. Li kieku r-rikorrenti ma kentix sodisfatta bix-xoghol tal-intimata, ma kenitx ha terga' tmur ghandha u tafdaha b'mitt *extensions* ohra.

Illi minn dak illi qalet ir-rikorrenti stess, l-intimata dejjem ippruvat tagevola r-rikorrenti, anke jekk forsi ma kenitx taqbel maghha. Fil-fatt, kien biss wara li regghet ilmentat maghha, li Cassar accettat illi taghmillha l-kumplament tal-*extensions* li riedet originarjament. Ir-rikorrenti kienet kuntenta bir-rizultat u fi kliemha stess ' the result was better - I had fuller hair which did not look false'. Ghal xi raguni, ir-rikorrenti pero, ppretendiet ilil dawn kienu ha jkunu b'xejn, u kienet sorpriza meta Cassar talbitha is-somma ta' tlett mitt Euro €300.00. (At this point no sum was mentioned nor even hinting from her part that there would be any price at all.) It-Tribunal ma jistax jifhem ghaliex dan il-hlas kien daqshekk ta' sorpriza ghar-rikorrenti. Jekk 150 extensions kienu jiswew €400.00, wiehed ma jistax jippretendi illi 100 ohra ha jkunu b'xejn.

lli xi gimghat wara, r-rikorrenti kkuntattjat lil Cassar, fejn qaltilha li ma kenitx kuntenta bil-kwalita tax-xaghar illi kienet uzat it-tieni darba. Ilmentat ukoll li kien qed ikollha hafna telf ta' xaghar. Cassar offriet illi tnehhilha dawk il-mitt *extensions* u taghmillha 100 ohra gratis, pero ir-rikorrenti rrifjutat u riedet lil Cassar tnehhilha kollox u tipprova tbiegh l-*extensions* lil terzi fis-salon. Ovvjament minhabba ragunijiet ta' igene, Cassar irrifjutat dan is-suggeriment.

**Ikkunsidra:**

Illi meta wiehed jaqra it-talba ezawrjenti tar-rikorrenti, wiehed jara mal-ewwel illi r-rikorrenti kienet urtata hafna principlament mill-fatt illi kellha thallas din is-somma ulterjuri meta ghamlet l-*extensions* ghat-tieni darba. Anke mill-kliem uzati: 'I payed (recte paid) her the 300 euros in shock and with hopes to never see the hairdresser again in my life.' Apparti l-fatt illi kienet ir-rikorrenti illi insistiet maghha illi taghmel dawn l-*extensions*, u kienet l-intimata li ma reditx taghmilhom, din l-asserzjoni hija infondata, immatura u fl-ahhar mill-ahhar turi l-*forma mentis* tar-rikorrenti. F'nifs wiehed qieghda tghid 'when I was finished thanking her for her patience and understanding ... ' u fl-istess nifs qieghda tarmiha b'mod l-iktar inekwivoku u tghid ili ma reditx taraha b'ghajnejha.

Illi mhuwiex mill-lewn id-dinja illi tumbra lil xi hadd mal-ewwel fuq pagament ta' servizz illi wara kollox tkun insistejt ghalih int. L-intimata kienet ferm pacenzjuza u edukata mar-rikorrenti u ppruvat tissodisfaha mill-ahjar li setghet, anki fl-isfond tal-problemi teknici illi nqalghu bit-talba tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk mhemmx dubju f'mohh it-Tribunal illi r-rikorrenti xtaqet issib mod kif tiehu flusha lura u hawnhekk it-Tribunal ma jistax ma jaqbilx mat-tezi tal-intimata. Anke minn qari tal-avviz taghha stess, wiehed malajr jinduna illi ddejqet hafna bil-fatt illi harget iktar flus:

... 'spending 700 euros on what I thought would cost 400 euros made me extremely upset.'

Illi meta kkuntattjat l-intimata, ghamlet dan biex tiehu rifuzjoni u mhux biex tipprova ssalva jew timmeljora l-kundizzjoni tal-*extensions* li tant redithom. Li kieku kien hemm xi haga intrinsikament hazin bix-xoghol tal-intimata, ma kenitx ha tibqa' bihom u tipprova tinnegozja prezz mal-intimata.

Illi anke l-fatt illi r-rikorrenti tatha diversi opzjonijiet turi illi r-rikorrenti ma kenitx imdejqa tant bl-*extensions* kif ippruvat tissugerixxi, izda kienet imdejqa mill-fatt illi kienet nefqet iktar flus milli xtaqet. Li kieku verament dawn l-extensions kienu qed jaghmlulha hsara u jaffetwawha anke emozzjonalment, ma kenitx ddum tahsbiha daqshekk u tissaporti minn April sa' l-ahhar ta' Lulju biex tmur tnehhihom. (On the 22nd July I couldn't cope with the status of my hair...').

Illi kif qalet tajjeb l-intimata, anke x-xaghar naturali jaqa' kuljum u wara illi tahslu jew tippetnah dan jaqa' iktar. Dan ma jfisser xejn - huwa process naturali li ma tantx tghin l-argument tar-rikorrenti. Anzi, l-fatt illi r-rikorrenti baqghet bl-*extensions,* anke wara li fethet il-kawza, juri illi kienet kuntenta illi tibqa' bihom, anke meta suppost kienu qed jikkawzawlha 'depression'.

It-Tribunal hawnhekk ihoss illi ghandu jaghmel paragun mal-actio redibitorja. Meta persuna li tkun xtrat oggett tilmenta minn difett latenti u tistitwixxi kawza abbazi ta' din l-azzjoni, ma tistax, fl-istess hin, izzomm l-oggett, ghax altrimenti l-azzjoni ma tirnexxix. L-attur irid ikun qabel, iddepozita formalment l-oggett il-Qorti umbaghad jirriklama dak illi ghandu jiiriklama. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ma mxietx b'dan il-mod.

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal ra d-dokumenti kollha u ma jistax ma jikkumentax fuq il-fatt illi Joanna Cassar dejjem kienet disposta biex tghin lir-rikorrenti. Mill-iskambju tal-messaggi jidher car illi r-rikorrenti ghamlet xi zmien ma tirrispondijhiex u kienet Cassar illi insistiet maghha illi tmur taraha biex tkun f'posizzjoni li taraha 'live'. Anke r-rikorrenti kienet sodsifatta b'xogholha, tant li f'messag minnhom tghid :

''Minn naha tieghek naf li ghamilt xoghol sew. Issa b'dawn il 150 ara jekk tbighhom jew ara jekk inbighhom jien'.

Minn dan jidher car illi almenu sa' dan il-punt, dawn l-*extensions* kienu ghadhom f'kundizzjoni tajba,

**Ikkunsidra**

Illi t-Tribunal ma jhossx illi l-fatt illi Cassar kienet accettat ghal bidu illi ttiha rifuzjoni ta' erba mitt Euro (€400.00) ghandu jimplika xi tip ta' tort da parti tal-intimata. Cassar irtirat din l-offerta meta irrejalizzat li Jade Pecorella kienet qed tagixxi b'dan il-mod ghal gwadann ekonomiku. Cassar indunat illi almenu sa' Mejju, Pecorella kienet qed tuza dawn l-*extensions* u tohrog bihom, kif irrizulta mill-istess Facebook page ta' Pecorella.

Illi t-Triibunal jaqbel illli kollox jindika illi ir-rikorrenti kienet qed tipprova taghmel gwadann. Effettivament, ghalkemm hi kienet qed tilmenta fuq il-100 *extensions* li kienu jammontaw ghal tlett mitt Euro, hi talbitha l-ammont ta' erba mitt Euro. U wara illi dan il-ftehim sfaxxa fix-xejn, illum qieghda titlob is-somma ta' €1,260 li huwa ferm iktar mis-somma ta' €700.00 illi hallset ghal *extensions* kollha. Ir-rikorrenti ghalhekk qed tippretendi illi tiehu dak li kienet hallset biex taghmel l-*extensions* kollha, l-massimu ta' danni morali fis-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) u anke l-ammont ta' sittin Euro (€60.00) li hallset biex tnehhi l-*extensions* u taqta' xagharha (Dok anness - Maf Hairdressers).

Illi t-Tribunal jista' japprezza sitwazzjoni fejn xi hadd ikun imdejjaq hafna bl-istat ta' xagharu. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jirrekoncilja dan mal-fatt illi r-rikorrenti damet b'dawn l-extensions ghall-erba' xhur u kienet, almenu sa' Gunju, donnha 'hedging her bets'.

'I began to look for hairdressers that would remove the remaining but did not book an appointment until I received the cheque'.

Li kieku l-extensions kienu qed jikkawzawha daqshekk danni morali kif ukoll attwali, kienet tibbukja appuntament mill-aktar fis possibbli minghajr ebda konsiderazzjoni ohra. Il-fatt illi baqghet bihom idghajjef l-argument taghha u jikkonvinci lit-Tribunal illi dan ghaliha kien 'above all a money transaction'. F'dan l-istadju, r-rikorrenti Pecorella dahlet f'pika mal-intimata u ovvjament ma kellhiex aktar interess illi tikkustodja u tmantni l-*extensions*. Anzi, darba dahlet it-Tribunal, kien fl-interess taghha illi dawn l-*extensions*, jidhru koroh kemm jista' jkun.

**Ghal dawn il-motivi**

Wara illi ra l-atti kollha processwali, u wara li ra Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba rikorrenti bl-ispejjes kontra taghha.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbitru**